Imħallef:

27 ta' Marzu, 1953.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Falzon ne. *versus* Neg. Paolo Nani

**Konkorrenza Sleali — Tixrid ta' Notizzji — Penali — Danni — Art. 41 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kummerċjant li jxerred notizzji li jagħmlu ħsara lill-kummerċ ta' kummerċjant ieħor jirrendi ruħu ħati ta' konkorrenza sleali. Jekk dawn in-notizzji jkunux veri jew foloz jimporta biss għall-miżura tas-sanzjoni; għax il-liġi tagħna ma teżiġix li l-fatti divulgati jkunu foloz, u li setgħu jagħmlu, jew fil-fatt għamlu, ħsara lill-kummerċ ta' ħadd ieħor.*

*L-intenzjoni speċifika tad-divulgatur li jagħmel dik il-ħsara, li hija l-estrem l-ieħor rikjest mill-liġi, hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant, li għandu jiddeżumiha miċ-ċirkustanzi tal-każ.*

*Xejn ma jiswa lid-divulgatur il-fatt li d-denigrazzjoni tal-merkanzija ta' kummerċjant ieħor saret ma' persuni esperti li ma jistgħux jiġu ngannati faċilment; għax il-fatt vjolatur tal-projbizzjoni tal-*

*liġi jibqa' dejjem. Kif lanqas ma jiswa l-fatt li d-denigrazzjoni ma tkunx ikkaġunat ħsara.*

*Il-kummerċjant li tkun saritlu konkorrenza illeċita jista' jagħżel bejn id-danni u nteressi u bejn il-penali. Jekk ifittex id-danni u nteressi, għandu jipprova d-danni li realment sofra u jekk jagħżel il-penali, huwa obligat jipprova biss il-fatt vjolatur tal-liġi.*

*Lanqas jiswa lid-divulgatur il-fatt li t-tixrid tan-notizzji jkun sar ma' numru żgħir ta' persuni; għax in-numru limitat ta' dawn il-persuni ma jneħħix li n-notizzji ġew imxerrda; għalkemm jista' jservi ta' attenwanti fl-applikazzjoni tas-sanzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut, f'diversi okkażjonijiet, xerred notizzji u ta informazzjonijiet, anki indirettament, li setgħu jagħmlulhom, u li effettivament għamlulhom, ħsara fil-kummerċ tagħhom tal-pjanijiet; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilhom penali fis-somma li tiġi stabbilita konformement għal dak li hemm kontemplat fl-art. 41 tal-Kodiċi tal-Kummerċ; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Marzu 1951;

*Omissis;*

Għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

Il-kontendenti huma konkorrenti ta' xulxin fil-kummerċ tagħhom billi joffru l-istess merċi, jiġifieri pjanijiet, lill-istess publiku f'dawn il-Gżejjer. L-atturi kienu l-aġenti tal-pjanijiet marka "Welmar" mill-14 ta' Frar 1947 sat-22 ta' Settembru 1950 (fol. 79), u huma l-aġenti tal-pjanijiet marka "Bell". Il-konvenut kien, u għadu, l-aġent ta' pjanijiet oħra ta' marki differenti, fosthom dawk tal-marka "Marshall and Rose", u, mill-ewwel ta' Ottubru 1950, huwa wkoll l-aġent ta' l-istess pjanijiet marka "Welmar" riferiti, li tagħhom, sad-data fuq indikata, kienu l-aġenti l-atturi (fol. 31);

L-atturi jallegaw li l-konvenut kiser għad-dannu tagħhom il-projbizzjoni kontenuta fl-art. 38 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ għal-limitazzjoni tal-konkorrenza, billi xerred notizzji u ta informazzjonijiet li setgħu jagħmlu, u effettivament għamlu, ħsara lill-imsemmi kummerċ tagħhom, u kwindi qegħdin jitolbu kontra l-konvenut il-penali li tiġi stabbilita fis-somma ta' mhux anqas minn £10 u lanqas iżjed minn

£500, li għaliha hu suġġett il-kummerċjant li jikser l-imsemmija projbizzjoni skond l-art. 41 tal-Kodiċi ċitat;

L-informazzjonijiet li l-atturi jallegaw li l-konvenut ta kontra tagħhom swietilhom, kif igħidu, it-telfa ta' l-aġenzija tal-pjanijiet marka "Welmar", u n-notizzji li jallegaw illi hu xerred bi ħsara għall-kummerċ tagħhom huma in sostanza dawn, jiġifieri illi huwa qal li l-pjanijiet "Welmar" kienu pjanijiet tal-landa, u li biss kull tant johroġ wieħed tajjeb, u li l-pjanijiet marka "Bell" huma pjanijiet rikostrawiti;

Mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta illi, meta huwa kien Londra, qal lid-ditta "Welmar" illi l-pjanijiet għand id-ditta attriċi ma kienux qegħdin fi stabbiliment tal-pjanijiet, u li sewwa sew, ma kienx jaf fejn kienu. Qalilhom ukoll li l-pjanijiet kienu f'ħanut tax-xorb, u wriehom li, fl-opinjoni tiegħu, id-ditta attriċi ma kienetx tajba biex tirrappreżentahom (fol. 62). Mid-dokument fil-fol. 79 jirriżulta li in segwitu, fis-16 ta' Ġunju 1950, id-ditta "Welmar" kitbet lid-ditta attriċi fis-sens li kienu ddeċidew li jitterminaw il-kuntratt ta' l-aġenzija ġa eżistenti bejniethom sa mill-14 ta' Frar 1947, għar-raġuni li kienu jħossu "that the Welmar piano should be represented by a firm occupying a more central position in Valletta, that is to say, in a shop which is exclusively devoted to the sale of musical articles"; u mid-dokument fil-fol. 30 jirriżulta illi l-istess ġurnata A.W. Whelpdale, wieħed mid-diretturi tad-ditta "Welmar", kiteb lill-konvenut l-ittra fejn qallu, fost ħwejjeġ oħra li ma jinteressawx lill-kawża:— "I should like to establish you as the agent for the Welmar pianos, and I have accordingly given the present agent three months notice, expiring on September, 1950. After that date we shall, of course, be at liberty to supply you, and I hope you will see your way to take an interest in both the Welmar and the Marshal and Rose pianos to our mutual advantage". Il-konvenut, kif ġa aċċennat, kien ġa l-aġent tad-ditta "Marshall and Rose" (fol. 75 tergo). Mid-dokument fil-fol. 31 jirriżulta li l-konvenut aċċetta l-aġenzija tad-ditta "Welmar", billi fid-19 ta' Ġunju 1950 kiteb lil dik id-ditta:— "On the 1st. October, 1950, I shall go in for business with your goodself both for the Welmar and the Marshall

pianos, as your sole agent for Malta";

Mix-xhieda tal-Maestro di Cappella Padre Alberto Borg, O.E.S.A., jirriżulta illi l-konvenut maqdar il-pjanijiet marka "Welmar", u qal li huma kienu pjanijiet tal-landa, u li, meta huwa jallu li dawk li kien ra u pprova kienu għoġbuh, il-konvenut qabeż u qalu "dak jinzerta xi wieħed, bħall-arloġġi" (fol. 16); u mix-xhieda ta' Bice Mizzi jirriżulta li l-konvenut, li kien ra għandha pjanu tad-ditta "Welmar", qalilha li l-pjanu "Welmar" kien pjanu ordinarju, u "li kien bħal arloġġ, li b'kumbinazzjoni mexxa", u ppoponielha jibdlilha dak il-pjanu "Welmar" li kellha u jagħtiha ieħor minfloku aktar fin, marka "Marshall and Rose", għaliex il-pjanu "Welmar" kien pjanu ordinarju (fol. 24 u 24 tergo, u fol. 25);

*Omissis:*

Mix-xhieda ta' l-imsemmijin Padre Alberto Borg u Bice Mizzi, li t-tnejn jafu sewwa kif ikunu pjanijiet tajba, speċjalment it-tieni waħda, li hija, kif huwa nôt għal kulħadd, pjanista valoruża, jirriżulta illi l-pjanijiet "Welmar" li dawk ix-xhieda ppruvaw kienu pjanijiet tajba ħafna. Ix-xhud Bice Mizzi anzi qalet li tagħha sabitu tajjeb ferm (fol. 24), u li kien ilu għandha sentejn u tieha dejjem sodisfazzjon..........;

Mix-xhieda ta' Vincent Gauci Borda jirriżula li dan għamel il-ħsieb li jixtri pjanu minn għand il-konvenut, u ċertu ħabib tiegħu semmielu lill-atturi u l-pjanijiet tagħhom, u flimkien ma' dak il-ħabib mar jara l-pjanijiet ta' l-atturi, u dawna ntgħoġbu; imbagħad mar ma' martu għand il-konvenut biex jaraw pjanu tiegħu, u dan il-pjanu lil martu ma għoġobhiex minħabba l-forma li kellu, u spiċċa biex xtara pjanu marka "Bell" minn għand l-atturi. Ftit wara mar sabu l-impjegat tal-konvenut, biex igħidlu li dana ried ikellmu; u meta mar, staqsieh jekk kienx xtara xi pjanu; u meta huwa wieġbu li kien xtara wieħed, staqsieh jekk kienx marka "Bell"; u meta rrispondieh affermattivament, qallu li l-konvenut kien ra avviż fil-gurnal li minnu kien jidher li l-pjanijiet "Bell" kienu jidhru li kienu pjanijiet rikostruwiti .............. Anki l-konvenut xehed fuq din iċ-ċirkustanza, u afferma li kien bagħat l-imsemmi impjegat tiegħu biex jara

x'kien iddecieda Gauci Borda li kien ħajjar jixtri pjanu minn għandu, u dak l-impjegat in segwitu qallu li kien qal lil Gauci Borda, meta dan infurmah li kien xtara pjanu tad-ditta "Bell", li dik id-ditta kienu jagħmlu pjanijiet "reconditioned" (fol. 61). Gauci Borda qal ukoll illi in segwitu l-konvenut mar jurih l-ittra li kien kitiblu l-konsulent legali ta' l-atturi, u f'dik l-okkażjoni wrieh ktieb, ossija "magazine", u qal li minnu kien jirriżulta li l-pjanijiet "Bell" kienu "rebuilt" (fol. 17 tergo);

Mid-dokument fol. 43 jirriżulta illi l-pjanijiet "Bell" jiġu rikostruwiti għall-"home trade" biss. "Reconditioning done for the Home Trade", jingħad f'dak id-dokument;

Mingħajr dubju, l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi konkorrenza illeċita, għaliex huwa xerred notizzji, jekk veri jew falzi xejn ma jimporta ħlief għall-miżura tas-sanzjoni, billi l-liġi tagħna, li ssegwi s-sistema Taljan, Franċiż u Belga, ma teżiġix li l-fatti divulgati jkunu falzi, li setgħu jagħmlu, u xi wħud minnhom, milli jidher, fil-fatt għamlu, ħsara lill-kummerċ ta' l-atturi; u l-intenzjoni speċifika tal-konvenut— l-estrem l-ieħor intenzjonali rikjest mil-liġi, u li l-apprezzament tiegħu għandu jiġi deżunt miċ-ċirkustanzi, li l-liġi tirrimetti għall-prudenzjali arbitriju tal-ġudikant — ma jistax ma jiġix deżunt fil-każ in eżami mill-kumpless taċ-ċirkustanzi fuq riferiti, li juru illi l-kovenut iddeżinja l-pjanijiet rivali bħala inferjuri għal dawk li hu kien qed jiżmerċja, bl-iskop li jinduċi xerrejja biex ma jakkwistawx dawk il-pjanijiet li asserixxa kienu inferjuri, u jakkwistaw inveċi pjanijiet minn dawk li huwa kien qed ibiegħ; u n-notizzji fuq il-kont ta' l-atturi, riferiti lid-ditta "Welmar", setgħu almenu kkontribwew biex l-aġenzija ta' dik id-ditta tgħaddi għandu;

Fin-nota tiegħu l-konvenut issottometta illi n-notizzji li ta lid-ditta "Welmar" kienu risposti għall-mistoqsijiet li saruluu mid-diretturi ta' dik id-ditta, li kienu anki diretturi tad-ditta "Marshall and Rose" ġa minnu rappreżentata, u illi kwindi kien fl-obligu li jagħtihomlhom (fol. 91). Irrileva mbagħad illi l-atturi ma baqgħux aġenti tad-ditta "Welmar" sempliċement għaliex dik id-ditta iddeċidiet tittermina l-kuntratt dwar dik l-aġenzija bi pre-avviż regolari għat-termini

ta' l-istess "Agency Agreement", u għalhekk ma tistax tiġi ravviżata użurpazzjoni da parti tiegħu ta' l-aġenzija li kellhom l-atturi (fol. 92). Issottometta wkoll illi r-risposti li huwa ta għall-mistoqsijiet tad-diretturi tad-ditta "Marshall and Rose" kienu jikkorrispondu għall-verità (fol. 92). Irrileva illi d-diskors ġa fuq riferit ma' Gauca Borda dwar il-pjanijiet "Bell" ma kienx tiegħu, imma ta' l-impjegat, u dan ma tkellimx fuq istruzzjonijiet riċevuti minn għandu, u li għalhekk ma jibqax ħlief dawk li huwa qal lil Padre Borg u lil Bice Mizzi, u dan ma jikkostitwix tixrid ta' notizzji; mhux biss għax limitat ma' żewġ persuni, imma anki għaliex ma setax jipproduċi ħsara, peress li dawk il-persuni huma esperti fil-mużika, u, billi huwa kien jaf li huma tali, jeżula minnu l-element intenzjonali, l-iskop, jiġifieri, tal-konkorrenza, anki għaliex dawk il-persuni kienu ġa xtraw il-pjanu li riedu jixtru (fol. 93 u fol. 94). Fl-aħħarnett, il-konvenut issottometta illi, meta huwa kellu l-imsemmija konversazzjoni ma' Padre Borg u Bice Mizzi, l-atturi ma kienux l-aġenti tal-pjanijiet "Welmar", billi l-aġenzija kienet ġa għaddiet għandu (fol. 94);

Il-konvenut xehed illi d-ditta "Welmar" iffurmat ruħha bl-ismijiet, ossija parti mill-ismijiet, taż-żewġ diretturi — Whelpdale u Marshall — proprjetarji tad-ditta "Marshall and Rose" (fol. 59 u fol. 82). Mill-ittri tad-ditta "Welmar", li qegħdin fl-inkartament tal-kawża, jirriżulta li d-diretturi ta' dik id-ditta huma l-imsemmi Whelpdale, Maxwell and Codd. Ma jirriżultax minn dokumenti min huma d-diretturi tad-ditta "Marshall and Rose"; iżda l-konvenut fix-xhieda tiegħu qal illi l-imsemmi Whelpdale huwa wieħed miż-żewġ diretturi proprjetarji ta' dik id-ditta. Għalhekk Whelpdale huwa fl-istess ħin kondirettur tad-ditta "Welmar" u kondirettur tad-ditta "Marshall and Rose". Ma jirriżultax, però, soddisfaċentement, li l-konvenut ta lill-imsemmi Whelpdale l-informazzjonijiet fuq riferiti fuq mistoqsijiet illi l-istess Whelpdale għamillu. Lanqas mid-depożizzjoni tal-konvenut ma jista' jiġi proprjament deżunt, l-għaliex il-konvenut fix-xhieda

tiegħu qal hekk :— "Fl-1949 kont Londra................" (fol. 62). Minn dak li jidher, malli Whelpdale immanifestalu l-ħsieb li d-ditta "Welmar" ma tibqax rappreżentata mid-ditta "Falzon", il-konvenut spontaneament qalilu li ma kienx jaf fejn kien l-ufficcju tad-ditta "Falzon" — ċirkustanza li għandha importanza, kunsidrat iċ-ċokon tal-Belt Valletta, tant li Whelpdale, kif qal l-istess konvenut, stagħġeb biha. Jekk kien hemm imbagħad xi mistoqsijiet minn Whelpdale, setgħet ipprovokathom il-konjizzjoni a' dik iċ-ċirkustanza. Il-fatt illi Whelpdale, qabel ma tkellem il-konvenut, immanifestalu l-ħsieb tad-ditta fuq imsemmi, imissu ġiegħel lill-konvenut joqgħod attent kif jitkellem fuq il-kont tad-ditta attriċi;

Għall-aħjar intelliġenza tal-ħwejjeġ, jiswa f'dan il-pont li jiġi rilevat li l-atturi fl-1949 ordnaw avviż fit-"Times of Malta" biex jagħmlu publiċità għall-pjanijiet "Welmar", u kitbu f'dak l-avviż li dawk il-pjanijiet kienu tip tedesk ("German Type"), peress li l-pjanijiet tedeski għandhom, kif xehed l-attur John Falzon, ċerta rinomanza (fol. 25 tergo). Gara li bi żball dehru l-kliem "German make" minflok il-"German type", u jumejn wara li ġie publikat dak l-avviż id-ditta "Welmar" kitbet lid-ditta attriċi biex tirtira dik id-dikjarazzjoni li l-pjanijiet kienu "of German make" (fol. 25 tergo, fol. 46 u fol. 47). L-attur Joseph Falzon qal fix-xhieda tiegħu li in segwitu sar jaf li kien il-konvenut li ta informazzjoni lid-ditta "Welmar", u ssoponu li dik l-informazzjoni ttrasmettihielha permezz ta' telegramm stante l-intervall wisq qasir — jumejn — bejn id-data li fiha deher l-avviż u l-ġurnata meta ġiet miktuba l-ittra tad-ditta "Welmar" (fol. 25 tergo u fol. 63 tergo). Dan l-addebitu li ġie magħmul lill-konvenut ġie minnu ripudjat (fol. 61 tergo), u ma hemm xejn li soddisfaċentement jissostanzjah. Mill-kumpless ta' dak li l-konvenut qal fid-depożizzjoni tiegħu wieħed jifhem illi kienet din iċ-ċirkustanza li qanqlet lid-ditta "Welmar" biex tagħmel il-ħsieb li ma tibqax rappreżentata mid-ditta attriċi; u difatti l-konvenut qal li Whelpdale urieħ kopja ta' l-avviż (fol. 61 tergo). Però, f'dan il-pont ma għandux jintnesa li r-raġuni mogħtija mid-ditta "Welmar" għad-deċiżjoni tagħhom li jitterminaw il-kuntratt ta' l-aġenzija mad-ditta attriċi

kienet "the feeling that the Welmar piano should be represented by a firm occupying a more central position in Valletta, that is to say, in a shop which is exclusively devoted to the sale of musical articles" (fol. 79), u dan il-kliem ta' l-aħħar jista' juri li l-kliem tal-konvenut x'aktarx kellhom influwenza fuq id-deċiżjoni li ġiet meħuda mid-ditta "Weimar"; u jekk kien hekk, ma jġib l-ebda nfluwenza l-fatt li d-ditta "Welmar" kellha d-dritt, skond il-kuntratt ta' l-aġenzija ma' l-atturi, li tittermina dak il-kuntratt bi pre-avviż, kif fil-fatt għamlet, fit-termini ta' l-istess kuntratt. Anki mingħajr ma jinżamm kont ta' dan, jibbasta, għall-finijiet tal-penali, kif aħjar jiġi spjegat aktar 'il quddiem, il-fatt vjolatur tal-projbizzjoni tal-liġi li kummerċjant, għal skop ta' konkorrenza, ixerred notizzji li jistgħu jagħmlu ħsara lill-industrja jew kummerċ ta' kummerċjant ieħor, mingħajr il-bżonn tal-prova tal-ħsara;

Anki jekk in-notizzji li l-konvenut ta lil Whelpdale kienu jikkorrispondu għall-verità tal-fatti, din iċ-ċirkustanza ma tistax tkun utili, ħlief fl-applikazzjoni tas-sanzjoni; il-għaliex, kif ġa ntqal, il-liġi tagħna ma teżiġix li l-fatti divulgati fuq il-kont tal-kummerċjant konkorrenti jkunu veri, kif teżiġi xi leġislazzjoni oħra, pereżempju l-ġermanika, li tippunixxi biss dik il-konkorrenza li tikkonsisti f'diffużjoni ta' fatti falzi. Kif ġa ngħad, is-sistema tagħna jsegwi s-sistema taljan, franċiż u belga, u jippunixxi anki d-diffużjoni ta' fatti veri, u ma jammettix il-prova tal-verità tal-fatti;

Iċ-ċirkustanzi li għandhom x'jaqsmu mar-riljev li l-konvenut għamel dwar id-diskors ma' Vincent Gauci Borda fuq il-pjanu "Bell" diġà ġew spjegati, u diġà wkoll ġew ikkunsidrati, spjegati u nterpretati l-provi dwar il-fatt jekk il-konvenut kienx jew le l-aġent tad-ditta "Welmar" meta kellu l-konversazzjonijiet fuq riferiti ma' Padre Borg u Bice Mizzi;

Riferibilment għal dawn il-konversazzjonijiet, huwa veru li saru ma' persuni wisq esperti fil-mużika, u kwindi ma tantx setgħu jiġu faċilment influwenzati bħal persuni oħra ordinarji; però, b'danakollu, jibqa' dejjem il-fatt tal-vjolazzjoni tal-projbizzjoni tal-liġi magħmula għal skop ta' konkorrenza — liema skop jirriżulta mill-fatt li flimkien mad-denigrazzjoni tal-

pjanu konkorrenti ġie offert b'bidla pjanu proprju;

Il-fatt li ħaara ma saretx ma jgħodd xejn, il-għaliex, kif ġà aktar minn darba ntqal, hija sufficjenti l-prova tal-fatt li jivvjola d-dispożizzjoni tal-liġi; u difatti l-kummerċjant li jkun attitlu konkorrenza illecita jista', għax-xelta tiegħu, jaġixxi kontra min ikun għamilhielu jew għad-danni u nteressi, jew għall-kundanna ta' min ikun għamillu dik il-konkorrenza għall-ħlas ta' penali. Jekk huwa jeżerċita l-ewwel azzjoni, ikollu jipprova anki d-danni li realment sofra, għaliex dik l-azzjoni hija l-ordinarja preveduta mill-liġi ċivili; imma jekk jagħżel it-tieni azzjoni, mhux tenut jipprova ħaġ' oħra ħlief il-vjolazzjoni tal-liġi. Invero, din l-azzjoni l-oħra, għall-kundanna tal-kontravventur għall-ħlas ta' penali, ġiet introdotta minħabba d-diffikultà kbira, jekk mhux addirittura impossibilità, li fil-prattika tiġi riskontrata fil-likwidazzjoni tad-danni kaġunati bil-konkorrenza sleali;

Fl-aħħarnett, u dwar is-sottomissjoni tal-konvenut li ma klenx ħeimm tixrid ta' notizzji, billi n-numru tal-persuni li magħhom tkellem hu limitat għal tnejn, għandu jiġi rilevat illi n-numru żgħir ta' persuni li magħhom tiġi mxerrda n-notizzja ma jneħħix li n-notizzja ġiet mxerrda, imma, bħal meta d-durata tal-konkorrenza tkun qasira, tirrendi minuri d-dannu, u kwindi tittieħed in konsiderazzjoni fl-applikazzjoni tas-sanzjoni;

Difatti, il-latitudini tal-penali hija kbira ħafna — minn għaxra sa ħames mitt lira; u dana appuntu għaliex ħafna ċirkustanzi jilkkonkorru biex jaggravawha jew jattenwawha. Il-liġi ssemmi l-kobor tal-fatt, iż-żmien li dam sejjer, il-mala fidi tal-kontravventur, u fl-aħħarnett tagħmel riferenza għaċ-ċirkustanzi partikulari l-oħra kollha ta' kull każ, u kwindi tħalli lill-ġudikant latitudini kbira biex jirregola ruħu fil-fissazzjoni ta' l-ammont tal-penali avut rigward għall-fatti speċje ta' kull każ;

Ċirkustanza favur il-konvenut, li b'ġustizzja għandha tiġi mfakkra, riżultanti mhux biss mix-xhieda tiegħu (fol. 59 tergo) imma anki mid-dokument fil-fol. 37, hija illi huwa offra lid-ditta attriċi, meta akkwista l-aġenzija tad-ditta "Welmar", li tħallas għall-pjanijiet ta' dik id-ditta li setgħet tkom-

pli tordna permezz tiegħu kummissjoni tat-tmienja fil-mija (8%) biss "on (ex factory cost) in voice", u li fuq dawk il-pjanijiet ma jkunx hemm it-targa tad-ditta tiegħu, u, skond ix-xhieda tal-konxenut, li "il-prezz tagħmlu hija, ċjoè l-prezz tar-rivendita f'Malta". F'dana l-pont jixraq li jiġi rilevat illi, meta d-ditta "Welmar" neħħiet l-aġenzija lid-ditta attriċi u tatha lill-konvenut, kitbet lil dan f'dan is-sens :— "Regarding the previous agency with Mr. Falzon, I have told him that I will ask you to supply him with any Welmar pianos he may require at a minimum profit to yourself. I think this is a gesture one must make under the circumstances, and I have no doubt you will come to terms with him". Il-konvenut mhux biss aċċetta t-talba tad-ditta "Welmar" (fol. 31), imma kkonċeda lid-ditta attriċi vantaġġi akbar. Issa, għalkemm, bħala regola, azzjoni tajba bħal dik tad-ditta "Welmar" issir meta l-aġenzija tiġi mogħtija lil ħaddieħor, u sebbene, forsi, dik l-azzjoni u l-azzjoni tal-konvenut, fil-fatti-speċje tal-każ, jistgħu jiswew għat-tfittċija tar-raġuni l-għaliex id-ditta attriċi tilfet l-aġenzija, l-azzjoni tal-konvenut ma tistax, però, b'ġustizzja, ma tiġix meħuda in konsiderazzjoni, naturalment skond ma setgħet tiswa, fir-regolament tal-penali;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi; tistabbilixxi f'ħamsa u sebgħejn lira (£75) is-somma tal-penali; u tordna illi l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu mill-konvenut.